FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR L-GIMGHA 13 TA LULJU 2001

Avviz nru:- 4/94 DM

Louis Apap Bologna

vs

Alfred Delia

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-attur ghall-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' mija u erba u erbghin lira Maltija (Lm144) rappresentanti kera dovut mill-konvenut lill-attur ghall-fond Castor House, Quarries Street, Hamrun ghall-perijodu mill-1 ta' Marzu 1992 sal-iskadenza li tghalaq fit-30 ta' Novembru 1993 u cioe ghall sitt skadenzi bir-rata ta' erba u ghoxrin lira maltija (Lm24) kull tlett xhur, u dan flimkien mal-imghax legali mid-data ta' l-avviz.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1 Illi dina l-azzjoni saret vessatorjament u intempestwament stante li l-kera li qed jigi mitlub f'din il-kawza mhuwiex stabbilit definitivament billi hemm pendenti Appell quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet Louis Apap Bologna vs Alfred Delia (194/92FGC) u dana l-Appell ghadu ma giex appuntat ghat-trattazzjoni;

2 Inoltre l-attur lanqas baghat mqar intima lill-konvenut ghal hlas tal-Kera pretis meta jaf tajjeb li l-kwistjoni dwar il-quantum tal-kera ghadha pendenti u li l-konvenut ma setghax ihallas il-kera pretis minghajr ma jippregudika l-Appell li kien intavola;

3 Ghalhekk l-eccipjent jipprotesta ruhha wkoll ghall-ispejjes kollha ta' din il-kawza.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti,

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:

Mil-verbal tas-seduta tal-10 ta' Dicembru 1999 jirrizulta li l-konvenut eccepixxa li ma sarx il-pagament ghall-ispejjes tal-kawza qabel ir-riappuntament.

Dina l-eccezzjoni hija ibbazata fuq il-kancellament tal-kawza degretat fit-22 ta' Gunju 1999 u r-riappuntament ordnat fit-30 ta' Gunju 1999.

L-Artikoli 199 u 200 tal-Kap 12 jipprovdu hekk:

> 199 (1) Jekk, wara li kawza tissejjah tliet darbiet, il-parti l-wahda u l-ohra jew l-avukati taghhom, jew, fil-kawzi quddiem il-qrati inferjuri, il-parti l-wahda u l-ohra jew l-avukati jew il-prokuraturi legali taghhom, ma jidhrux, il-qorti tista' tordna t-thassir tal-kawza minn fuq il-lista, bi spejjes ta' l-attur.
>
> (2) Kemm-il-darba jidher biss il-konvenut jew l-avukat jew il-prokuratur legali tieghu, kif jaghti l-kaz, hu jista' jitlob li jigi mehlus mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez.
>
> (3) Fil-kaz il-wiehed u l-iehor, jekk l-attur ikun irid li, fuq l-istess atti, il-kawza tigi mill-gdid imqieghda fuq il-lista, mismugha u maqtugha, ghandu, b'rikors, li ghandu jigi pprezentat fiz-zmien ta' ghaxart ijiem, jaghmel talba ghaldaqshekk. Din it-talba ghandha tintlaqa' ghal darba wahda biss, u l-qorti ghandha tappunta gurnata ghas-smigh tal-kawza bi spejjez ta' l-attur, b'dan illi l-attur ghandu jhallas, jew jiddepozita fir-registru tal-qorti qabel il-jum stabbilit ghas-smigh tal-kawza, l-ispejjez kollha stabbiliti fit-tariffa, u li johorgu mill-fatt li l-attur naqas li jidher, jew li l-avukat jew il-prokuratur legali tieghu naqsu li jidhru, skond il-kaz.

200 (1) Hekk ukoll il-konvenut, fuq talba tieghu, jigi mehlus mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez, jekk meta tissejjah il-kawza, ma tkunx inghatat garanzija ghall-ispejjez taghha skond dan il-Kodici, kemm-il darba, fi zmien qasir li l-qorti jidhrilha xieraq li ghandha taghti, ma tigix imqieghda f'idejn ir-registratur somma ta' flus kontanti, li tkun bizzejjed biex taghmel tajjeb ghall-ispejjez tal-kawza.

(2) Is-somma hekk iddepozitata mhix suggetta ghall-jeddijiet tal-kredituri tad-depozitant, sakemm hija ghandha taghmel tajjeb ghall-ispejjez tal-kawza.

Mill-provi ma jirrizultax li sar il-hlas tal-ispejjez u lanqas ma sar id-depositu kontemplat fl-Artikolu 199 (3).

Ghaldaqstant tipprovdi billi tiffissa terminu sas-26 ta' Lulju 2001 sabiex l-attur jghamel il-hlas jew id-depositu tal-ispejjez kollha stabbiliti fit-tariffa u li johorgu mill-fatt li l-attur u d-difensur tieghu kienu naqsu li jidhru fis-seduta tat-22 ta' Gunju 1999 u tiddifferixxi l-kawza ghas-smigh ghas-27 ta' Lulju 2001 fid-9.00am.

Bl-ispejjes reservati a gudizzju finali.

.........................................

Mag. Dr. D. Montebello B A LLD

S Farrugia
Dep Reg

civ11